# GRUPP TA' ĦIDMA TAL-ARTIKOLU 29 DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-DEJTA

**1806/16/MT**
**WP 239**

**Opinjoni 02/2016 dwar il-pubblikazzjoni ta' Dejta Personali għall-finijiet ta' Trasparenza fis-Settur Pubbliku**

**Adottata fit-8 ta' Ġunju 2016**

Dan il-Grupp ta' Ħidma twaqqaf skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE. Huwa korp konsultattiv indipendenti Ewropew dwar il-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza. Il-kompiti tiegħu huma deskritti fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 95/46/KE u fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2002/58/KE.

Is-segretarjat huwa pprovdut mid-Direttorat Ċ (Id-Drittijiet Fundamentali u ċ-Ċittadinanza tal-Unjoni) tal-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali tal-Ġustizzja u l-Konsumaturi, B-1049 Brussell, il-Belġju, Uffiċċju Nru MO-59 02/013.

Sit elettroniku: http://ec.europa.eu/justice/data-protection/index_en.htm

# 1. INTRODUZZJONI

## 1.1 KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-OPINJONI

Din l-Opinjoni tispjega kif il-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta għandhom jiġu applikati għall-ipproċessar u l-pubblikazzjoni ta' dejta personali għall-finijiet ta' trasparenza fis-settur pubbliku, b'mod partikolari meta din tkun relatata ma' miżuri kontra l-korruzzjoni u mal-ġestjoni u l-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess[1]. Din l-opinjoni ma tfittixx li tindirizza x'informazzjoni għandha tkun disponibbli permezz tal-aċċess għad-dokumenti pubbliċi/il-leġiżlazzjoni dwar il-libertà tal-informazzjoni tal-Istati Membri tal-UE[2], ma tillimitax id-disponibbiltà ta' tali informazzjoni pubblika skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u ma tkoprix l-implimentazzjoni tar-Regolament 45/2001 u tar-Regolament 1049/2001[3] applikabbli għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE.

B'mod ġenerali, jista' jkun rekwiżit għall-korpi fis-settur pubbliku li jiġbru, jirreġistraw u jaħżnu informazzjoni dwar l-attivitajiet u l-persunal tagħhom u li jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku, ġeneralment fuq is-sit elettroniku uffiċjali tagħhom. Dan it-tip ta' pproċessar x'aktarx li jinvolvi l-ipproċessar ta' dejta personali, inkluż id-disseminazzjoni tagħha lill-pubbliku.

Din l-Opinjoni hija indirizzata lill-awtoritajiet leġiżlattivi nazzjonali, lill-gvernijiet, lill-uffiċċji jew lill-aġenziji u lil istituzzjonijiet kompetenti oħrajn nazzjonali ("istituzzjonijiet kompetenti") fis-settur pubbliku li jindirizzaw il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-miżuri ta' prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess u obbligi ta' trasparenza oħrajn, kif ukoll lill-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-dejta. Hija tagħmel rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq fehim komuni tal-qafas tal-protezzjoni tad-dejta li fih jitwettaq dan l-ipproċessar. Speċifikament, hija tindirizza l-implimentazzjoni ġenerali tal-prinċipji u l-valuri tad-Direttiva 95/46/KE[4] u tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Dejta (minn hawn 'il quddiem: GDPR).

L-Artikoli 1 u 4 tad-Direttiva 95/46/KE jesiġu li, l-Istati Membri għandhom jipproteġu d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi, u b'mod partikolari d-dritt tagħhom

[1] Is-settur pubbliku - għall-finijiet ta' din l-Opinjoni, is-settur pubbliku jfisser l-awtoritajiet lokali, reġjonali jew Statali, il-korpi regolati bil-liġi pubblika u l-assoċjazzjonijiet iffurmati minn awtorità waħda jew minn diversi awtoritajiet bħal dawn jew minn korp wieħed jew diversi korpi bħal dawn regolati bil-liġi pubblika, u huwa mingħajr preġudizzju għad-definizzjonijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri.

[2] Għall-informazzjoni, ara l-Opinjoni 06/2013 ippubblikata mill-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar id-dejta miftuħa u l-informazzjoni fis-settur pubbliku ('PSI').

[3] Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta u r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.

[4] Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta.

għall-privatezza fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-ipproċessar ta' dejta personali bħala parti mill-miżuri kontra l-korruzzjoni mmirati biex jiġġestixxu l-kunflitti ta' interess potenzjali u kwalunkwe obbligu ta' trasparenza relatat ikunu regolati bid-dispożizzjonijiet nazzjonali li huma jadottaw skont dik id-Direttiva u fid-dawl tal-GDPR.

1.2 L-ISKOP TAL-OPINJONI

L-għan ta' din l-Opinjoni huwa li tipprovdi gwida prattika, rakkomandazzjonijiet u eżempji tal-aqwa prassi għal-leġiżlaturi u l-istituzzjonijiet kompetenti tal-Istati Membri dwar kif dawn jistgħu jiżguraw li jiġi rrispettat id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta, filwaqt li fl-istess ħin jintlaħaq bilanċ u jiġi ssodisfat l-interess pubbliku leġittimu fit-trasparenza fejn l-inizjattivi politiċi u leġiżlattivi dwar dawn il-materji jirrikjedu d-disseminazzjoni ta' informazzjoni relatata ma' persuna fiżika. Il-kunċett ta' "trasparenza"[5] huwa marbut mal-prinċipji ta' ftuħ, amministrazzjoni tajba u governanza tajba kif stabbilit fit-Trattati[6] u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-'Karta tal-UE')[7].

L-imparzjalità, it-trasparenza u l-imġiba professjonali fost is-suġġetti fis-settur pubbliku huma rikonoxxuti bħala fundamentali għall-iżgurar tal-eċċellenza u l-kwalità fil-prestazzjoni ta' pożizzjonijiet pubbliċi rilevanti. Jeħtieġ li jintlaħaq bilanċ bejn id-drittijiet tas-suġġetti fis-settur pubbliku għall-protezzjoni tad-dejta[8] fuq naħa waħda u l-interess pubbliku f'dawk l-individwi li jissodisfaw id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom b'mod trasparenti fuq in-naħa l-oħra. Il-pubblikazzjoni tad-dettalji dwar l-interessi privati tas-suġġetti fis-settur pubbliku hija parti minn firxa ta' miżuri li jintużaw sabiex jiġu mmaniġġjati l-kunflitti ta' interess potenzjali u sabiex jiżdiedu l-akkontabilità u l-fiduċja pubblika. Waqt li l-leġiżlazzjonijiet u r-regolamenti għall-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess ivarjaw, din l-opinjoni tirrakkomanda kif għandhom jiġu żgurati livelli ugwali ta' protezzjoni tad-dejta għas-suġġetti fis-settur pubbliku madwar l-Istati Membri.

## 2. IL-QAFAS ĠURIDIKU

L-Artikolu 7 tal-Karta tal-UE jistabbilixxi li kull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħha, ta' darha u tal-komunikazzjonijiet tagħha. Barra minn hekk, l-Artikolu 8 tal-Karta jistipula, fost l-oħrajn, li kull persuna għandha d-dritt għall-protezzjoni ta' dejta personali li tirrigwardaha. Id-dejta personali għandha tiġi pproċessata b'mod ġust għal skopijiet speċifikati u abbażi tal-kunsens tal-persuna kkonċernata jew fuq xi bażi leġittima

[5] Din ir-referenza hija mingħajr preġudizzju għad-definizzjonijiet speċifiċi stipulati fil-linji politiċi u l-leġiżlazzjoni nazzjonali u hija pprovduta esklussivament bil-għan li tgħin fil-fehim ta' din l-opinjoni.

[6] Ara l-Artikoli 10 u 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 15 u 298 tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

[7] Ara l-Artikolu 41 tal-Karta tal-UE.

[8] Id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta għandu jinftiehem bħala d-dritt li tkun protett mid-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-dejta u mill-GDPR.

oħra stabbilita mil-liġi. Barra minn hekk, l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (minn hawn 'il quddiem: KEDB) jgħid li kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu, tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu u ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċitar ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, is-sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, għall-prevenzjoni ta' diżordni jew kriminalità, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor.

L-Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46/KE jipprovdi l-kriterji sabiex l-ipproċessar tad-dejta jsir leġittimu u jistabbilixxi l-prinċipji bażiċi għall-ipproċessar tad-dejta personali (l-Artikolu 6 tad-Direttiva 95/46/KE). Il-premessi tal-GDPR jispeċifikaw li d-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku tħalli intatt u b'ebda mod ma taffettwa l-livell ta' protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni.

Skont l-Artikolu 10 tal-KEDB, kulħadd għandu d-dritt għal-libertà tal-espressjoni. F'diversi okkażjonijiet, il-KEDB irrikonoxxiet li dan id-dritt jinkludi "d-dritt tal-pubbliku li jkun infurmat sew" u "d-dritt li jirċievi informazzjoni" f'kawżi marbuta mhux biss mal-mezzi tal-komunikazzjoni iżda wkoll mal-ġurnalisti professjonali[9].

Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet imsemmija qabel, huwa rrakkomandat li jiġu kkunsidrati l-prinċipji li ġejjin meta d-dejta personali tiġi pproċessata fil-kuntest tal-miżuri ta' kunflitti ta' interess u t-trasparenza assoċjata.

## 3. IL-PRINĊIPJI TAL-IPPROĊESSAR TAD-DEJTA PERSONALI

L-Artikolu 6 tad-Direttiva 95/46/KE jistipula li d-dejta personali għandha:

- tiġi pproċessata b'mod ġust u legalment;
- tinġabar għal finijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi u ma tiġix ipproċessata aktar b'mod li jkun inkompatibbli ma' dawk il-finijiet;
- tkun adegwata, rilevanti u mhux eċċessiva b'rabta mal-finijiet li għalihom tinġabar u/jew tiġi pproċessata aktar;
- tkun preċiża u, fejn ikun meħtieġ, tinżamm aġġornata;

[9] Madankollu, sa ftit ilu, il-QEDB iddikjarat li l-libertà li tirċievi informazzjoni, kif garantita mill-Artikolu 10, ma setgħetx tiġi interpretata bħala li timponi fuq Stat obbligu pożittiv li jxerred informazzjoni jew li jiżvela informazzjoni lill-pubbliku (ara l-kawżi ta' Leander vs l-Iżvezja (1987), Gaskin vs ir-Renju Unit (1989), Guerra vs l-Italja (1998) u Sîrbu vs il-Moldova (2004)). Kien biss f'żewġ kawżi riċenti li l-Qorti tidher li avvanzat lejn interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett tal-libertà tal-informazzjoni (ara d-deċiżjoni tal-2006 dwar l-ammissibbiltà tal-applikazzjoni fil-kawża ta' Sdruˇzeni Jihoˇceské Matky vs ir-Repubblika Ċeka u d-deċiżjoni tal-2009 fil-kawża ta' Társaság a Szabadságjogokért vs l-Ungerija).

- tinżamm f'forma li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-dejta għal mhux aktar milli meħtieġ għall-finijiet li għalihom tkun inġabret id-dejta jew li għalihom tiġi pproċessata aktar.

Ir-rekwiżiti msemmija fuq huma konformi mad-dispożizzjonijiet ekwivalenti fil-GDPR.

## 3.1 IPPROĊESSAR ĠUST U LEGALI

Il-bażi ġuridika għall-ipproċessar ta' dejta personali fil-kuntest tal-miżuri ta' kunflitt ta' interess tista' tinstab fl-Artikolu 7(c) tad-Direttiva 95/46/KE[10]. Dan jgħid li d-dejta personali tista' tiġi pproċessata jekk l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-konformità ma' obbligu ġuridiku li għalih huwa soġġett il-kontrollur. F'dan il-kuntest, l-ipproċessar għandu jiġi ddeterminat bil-liġi [11]. L-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet ġenerali u komprensivi għandha tiġi evitata, sabiex b'hekk il-kontrollur ma jkollu ebda grad indebitu ta' diskrezzjoni fuq kif għandu jikkonforma mal-obbligu ġuridiku[12].

F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-leġiżlaturi għandhom id-dmir li jiżguraw li l-obbligi ġuridiċi jiksbu bilanċ bejn id-diversi interessi involuti. Tabilħaqq, il-leġiżlazzjoni għandha tkun kompatibbli mad-dritt għall-ħajja privata u familjari u mal-protezzjoni ta' dejta personali skont l-Artikolu 8 tal-KEDB u l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tal-UE[13]. Dan jimplika li l-obbligu ġuridiku tal-ipproċessar ta' dejta personali għandu jkun neċessarju u proporzjonat għall-għanijiet leġittimi segwiti u jkun konformi mal-prinċipju ta' limitazzjoni tal-iskop.

L-istituzzjonijiet jistgħu wkoll ikunu jistgħu jibbażaw fuq l-Artikolu 7(e) tad-Direttiva 95/46/KE bħala bażi għall-ipproċessar ta' dejta personali f'dan il-kuntest. Meta jiddeterminaw jekk l-operazzjonijiet tal-ipproċessar humiex konformi mal-Artikolu 7(e) u billi jżommu f'moħħhom id-diversi interessi inkwistjoni, l-istituzzjonijiet għandhom ikunu sodisfatti li:

- l-attività tal-ipproċessar hija kompitu mwettaq fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali[14];

---

[10] Għal analiżi aktar dettaljata, ara l-Opinjoni 06/2014 dwar il-kunċett tal-interessi leġittimi tal-kontrollur tad-dejta skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46/KE, WP217. F'xi pajjiżi, jista' jkun possibbli li wieħed jibbaża fuq l-Artikolu 7 (f) bħala bażi għall-ipproċessar ta' dan it-tip ta' dejta personali.

[11] Fl-Opinjoni 6/2014, il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 irrikonoxxa li sabiex l-Artikolu 7(c) ikun jista' japplika, l-obbligu għandu jiġi impost bil-liġi, li għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha rilevanti sabiex l-obbligu jkun magħmul validu u vinkolanti. F'dak ir-rigward, il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 innota li "f'xi każijiet, il-leġiżlazzjoni tista' tistabbilixxi biss objettiv ġenerali, filwaqt li huma imposti obbligi aktar speċifiċi f'livell differenti, pereżempju, f'leġiżlazzjoni sekondarja jew permezz ta' deċiżjoni vinkolanti ta' awtorità pubblika f'każ konkret". F'dak ir-rigward, il-premessa 41 tal-GDPR tikkjarifika li "Fejn dan ir-Regolament jagħmel referenza għal bażi ġuridika jew miżura leġiżlattiva, din mhux neċessarjament tkun tirrikjedi att leġiżlattiv adottat minn parlament, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti skont l-ordni kostituzzjonali tal-Istat Membru kkonċernat". Ara wkoll l-art. 6, il-par. 3 tal-GDPR.

[12] Ibidem

[13] Ara l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tal-20 ta' Mejju 2003, Rundfunk, il-Kawżi Konġunti C-465/00, C-138/01 u C-139/01 u tad-9 ta' Novembru 2010, Volker und Markus Schecke, il-Kawżi Konġunti C-92/09 u C-93/09

[14] Kif enfasizza l-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 fl-Opinjoni 6/2014, il-kompitu pubbliku jew l-awtorità uffiċjali għandhom ikunu bbażati fuq, jew derivati minn, dispożizzjoni legali. Ara t-Taqsima III, il-par. 2.5, kif ukoll il-premessa 41 u l-par. 3 tal-Artikolu 6 tal-GDPR.

- l-operazzjoni tal-ipproċessar hija meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' dan il-kompitu jew għall-eżerċitar ta' din l-awtorità (jiġifieri tali operazzjonijiet għandhom ikunu xierqa sabiex jintlaħaq l-objettiv segwit u ma jmorrux 'lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq).

EŻEMPJU: L-indiċjar[15] tad-dejta personali pprovduta fuq pjattaforma ta' trasparenza, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jfittxuha, jitqies bħala operazzjoni neċessarja. L-indiċjar tad-dejta ta' identità għal magna ta' tfittxija esterna ma jitqiesx bħala neċessarju, awtomatikament, sabiex jintlaħaq l-iskop ta' trasparenza.

### 3.2 IL-PRINĊIPJI TA' PROPORZJONALITÀ, MINIMIZZAZZJONI U KWALITÀ TAD-DEJTA

Sabiex jiġu implimentati dawn il-prinċipji, jeħtieġ li l-ewwel nett jiġu ddeterminati l-iskopijiet ewlenin tal-ipproċessar tad-dejta. Pereżempju, l-inizjattivi ta' trasparenza jistgħu jkunu intiżi biex irawmu għarfien wiesa' dwar id-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tal-gvern u tal-korpi amministrattivi tiegħu, billi joffru għarfien bażiku dwar il-proċessi, l-operazzjonijiet u l-persunal tagħhom. Min-naħa tiegħu, dan jippermetti lill-pubbliku jżomm lill-gvernijiet responsabbli għall-modi kif huma jwettqu l-kompiti u jiġġestixxu r-riżorsi pubbliċi, sabiex b'hekk jippromwovu l-effikaċja u l-effettività. Il-miżuri indirizzati f'din l-Opinjoni għandhom l-għan li jipprevjenu, jidentifikaw u jissanzjonaw il-kunflitti ta' interess, bil-għan li tiġi evitata l-influwenza ta' interessi privati fuq it-twettiq tad-doveri pubbliċi u jissaħħu l-integrità, l-oġġettività u l-imparzjalità tas-suġġetti fis-settur pubbliku, kif ukoll tinbena l-fiduċja taċ-ċittadini fil-Gvern.

EŻEMPJU: Ir-rwol tal-istituzzjonijiet kompetenti huwa li jiddeterminaw il-valur tal-assi li kellu s-suġġett fis-settur pubbliku fil-bidu u fl-aħħar tal-mandat tiegħu u li jidentifikaw kif kienu ffinanzjati dawn l-assi. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, jista' jkun meħtieġ li tinġabar informazzjoni dwar il-konjuġi u l-qraba u dwar l-assi tagħhom. Madankollu, dan mhux bilfors ifisser li huwa xieraq jew proporzjonat li din l-informazzjoni kollha ssir disponibbli għall-pubbliku onlajn. Kwalunkwe inkursjoni fil-ħajja privata ta' individwu għandha tkun neċessarja u proporzjonata għall-iskop leġittimu tal-ipproċessar.

#### 3.2.1 IL-PROPORZJONALITÀ

Il-prinċipju tal-proporzjonalità għandu jiġi rrispettat matul kull attività ta' ppročessar u b'mod partikolari fl-istadju tal-ġbir u kull pubblikazzjoni sussegwenti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem: QtĠ-UE) enfasizzat l-importanza ta' approċċ proporzjonat għall-ipproċessar ta' dejta personali f'diversi kawżi. Fil-kawżi konġunti C-465/00, C-138/01 u 139/01 imsemmija hawn fuq, il-QtĠ-UE avviċinat dan il-punt billi staqsiet, "*jekk l-għoti tal-ismijiet tal-persuni kkonċernati b'rabta mad-dħul riċevut huwiex proporzjonat għall-għan leġittimu segwit u jekk ir-raġunijiet invokati quddiem il-Qorti sabiex tiġi ġġustifikata tali divulgazzjoni jidhrux li huma rilevanti u suffiċjenti*" (il-

[15] Definizzjoni ta' indiċjar :

paragrafu 86), u enfasizzat li l-qrati nazzjonali kompetenti għandhom, "*jaċċertaw jekk tali pubbliċità hijiex neċessarja u proporzjonata għall-għan (...), u b'mod partikolari sabiex jiġi eżaminat jekk tali objettiv setax jintlaħaq b'mod daqstant effettiv permezz tat-trasmissjoni tal-informazzjoni dwar l-ismijiet lill-korpi ta' monitoraġġ biss*" (il-paragrafu 88). Barra minn hekk, il-QtĠ-UE staqsiet jekk setgħux ikunu fattibbli modi alternattivi sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu segwit, li x'aktarx kienu jaffettwaw il-privatezza tal-individwi kkonċernati f'livell inqas[16].

Barra minn hekk, fil-paragrafu 74 tal-kawżi konġunti C-92/09 u C-93/09 imsemmija hawn fuq, il-QtĠ-UE ddikjarat b'mod ċar li, "*Skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' proporzjonalità, li jagħmel parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, jeżiġi li l-miżuri implimentati permezz ta' dispożizzjoni tal-Unjoni Ewropea jkunu kapaċi li jilħqu l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni kkonċernata u li ma jmorrux 'lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jilħqu dan (il-Kawża C-58/08 Vodafone u Oħrajn [2010] Ġabra I-0000, il-paragrafu 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).*

L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw bir-reqqa l-ambitu tal-individwi koperti minn miżuri ta' trasparenza u kunflitt ta' interess. Meta jiddeterminaw id-dejta ta' min ser tiġi pproċessata, l-Istati Membri jistgħu juru x-xewqa li jfasslu kriterji oġġettivi rilevanti, bħas-setgħa pubblika ta' individwu, il-ħila li jintefqu jew jiġu allokati flus pubbliċi, salarju, terminu tal-mandat, benefiċċji rċevuti, eċċ. billi jżommu f'moħħhom li l-ipproċessar ma għandux imur 'lil hinn minn dak li huwa "*meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi segwiti, fid-dawl b'mod partikolari tal-preġudizzju maħluq minn tali pubblikazzjoni għad-drittijiet rikonoxxuti mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta*"[17].

Il-pubblikazzjoni onlajn ta' informazzjoni li tiddivulga aspetti irrilevanti tal-ħajja privata ta' individwu mhijiex iġġustifikata fid-dawl tal-prinċipji tal-ġustizzja u tal-proporzjonalità.

❖ L-implimentazzjoni tal-proporzjonalità:

➢ *Id-differenzi bejn il-ġbir u l-pubblikazzjoni onlajn tad-dejta*

Ġeneralment, il-miżuri ta' kunflitt ta' interess ikopru żewġ attivitajiet ta' pproċessar ewlenin: l-ipproċessar mhux pubbliku u esklussiv ta' dejta personali fi ħdan l-istituzzjonijiet kompetenti u l-pubblikazzjoni onlajn ta' ċerta dejta. Id-dispożizzjonijiet legali rilevanti għandhom jistabbilixxu espliċitament liema individwi huma obbligati li jippreżentaw rapporti lill-istituzzjonijiet kompetenti. Huma għandhom jispeċifikaw ukoll liema dejta personali għandhom jinkludu r-rapporti u liema dejta personali għandha tiġi ppubblikata b'mod proattiv. Din l-Opinjoni ma tippruvax tiddetermina x'dejta personali għandha tinġabar mill-istituzzjonijiet kompetenti li jindirizzaw il-miżuri ta' kunflitt ta' interess, lanqas ma tfittex li

[16] Fil-kuntest eżaminat, il-QtĠ-UE staqsiet speċifikament jekk "*kienx biżżejjed li l-pubbliku ġenerali jiġi infurmat biss dwar ir-rimunerazzjoni u benefiċċji finanzjarji oħrajn*". Ara l-paragrafu 88 tad-deċiżjoni tal-Qorti f'Rundfunk, il-kawżi konġunti C-465/00, C-138/01.

[17] Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea esprimiet fis-Sentenza dwar il-Kawżi Konġunti Volker und Markus Schecke GbR (C-92/09) u Hartmut Eifert (C-93/09) vs Land Hessen, il-paragrafi 79 u 80.

tiddefinixxi x'informazzjoni għandha tiġi mxerrda fuq l-internet. Madankollu, huwa xieraq li jiġi enfasizzat li, meta jiġu biex jiddeċiedu jekk għandhomx jagħmlu l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku onlajn, l-istituzzjonijiet kompetenti għandhom dejjem iżommu f'moħħhom il-konsegwenzi ta' dan. Xi dejta personali miġbura tista' tikkostitwixxi informazzjoni intima dwar is-suġġetti fis-settur pubbliku u, konsegwentement, il-pubblikazzjoni onlajn tagħha jista' jkollu effett serju fuq il-ħajja privata tagħhom u fuq id-drittijiet tagħhom għall-protezzjoni tad-dejta. Huwa rilevanti wkoll li jiġi nnotat li dak li huwa ta' interess għall-pubbliku mhuwiex l-istess bħal dawk li huwa fl-interess pubbliku.

Ġeneralment, l-ammont ta' dejta personali ppubblikata onlajn x'aktarx ikun aktar limitat minn dak tad-dejta ppreżentata lill-istituzzjonijiet kompetenti, minħabba li d-divulgazzjoni ta' xi informazzjoni x'aktarx ma tkunx xierqa, minħabba l-impatt li l-pubblikazzjoni probabbilment ikollha fuq is-suġġetti tad-dejta. Barra minn hekk, parti mill-informazzjoni li ma kinitx soġġetta għal divulgazzjoni proattiva tista' tiġi divulgata meta l-leġiżlazzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni tapplika skont il-liġi u/jew skont leġiżlazzjoni rilevanti oħra jew wara deċiżjoni ġudizzjarja li titlob id-divulgazzjoni tagħha. Meta wieħed jiġi biex jiddetermina jekk il-kisba u/jew il-pubblikazzjoni ta' dejta personali tas-suġġetti fis-settur pubbliku hijiex neċessarja, għandu jikkunsidra jekk l-affarijiet u/jew it-tranżazzjonijiet tas-suġġetti fis-settur pubbliku (finanzjarji, kuntrattwali jew oħrajn) sarux qabel ma huma assumew il-mandat tagħhom, meta huma kienu persuni privati mingħajr mandat pubbliku. L-istituzzjonijiet kompetenti mhumiex impeduti milli jiġbru din id-dejta fuq din il-bażi, speċjalment f'sitwazzjonijiet fejn ikunu seħħew attivitajiet suspettużi. Madankollu, il-pubblikazzjoni onlajn awtomatika tal-affarijiet/tat-tranżazzjonijiet kollha tas-suġġetti fis-settur pubbliku qabel assumew il-mandat tagħhom, li jistgħu jiġu mfittxija bl-isem u li jinkludu d-dettalji kollha mingħajr ebda distinzjoni abbażi tan-natura, it-tip u l-firxa ta' tali dejta, tista' tmur 'lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi segwiti.

Meta tiġi kkunsidrata l-pubblikazzjoni ta' dejta personali fuq l-internet, jeħtieġ li jiġu kkunsidrati r-riskji potenzjali ta' tali divulgazzjoni. Meta tkun prevista pubblikazzjoni estensiva jew regolari, huwa rrakkomandat ħafna li ssir valutazzjoni tal-impatt dwar il-privatezza. Din għandha tikkunsidra wkoll modi alternattivi ta' kif jiġu pprovduti xi dettalji personali, bħal f'sommarju jew f'forma kollettiva li minnha l-individwi ma jkunux jistgħu jiġu identifikati.

Huwa xieraq ukoll li jiġi kkunsidrat jekk in-natura u l-firxa tad-dejta personali li tkun qed tiġi ppubblikata jistgħux jikkawżaw riskji oħrajn minbarra dawk relatati mal-protezzjoni tad-dejta. Pereżempju, il-pubblikazzjoni tad-dejta personali relatata mas-sitwazzjoni ekonomika ta' suġġett tad-dejta tista' tagħmlu vulnerabbli għall-kriminali. Dan ma jeskludix id-divulgazzjoni ta' din id-dejta lill-istituzzjonijiet kompetenti responsabbli mill-ġbir u l-ipproċessar ta' din id-dejta.

Barra minn hekk, meta jippubblikaw informazzjoni relatata mar-relazzjonijiet kuntrattwali u/jew relazzjonijiet simili tas-suġġetti fis-settur pubbliku, l-istituzzjonijiet kompetenti għandhom ikunu konxji li ċerta dejta tista' tirrappreżenta sigriet (kummerċjali, bankarju, professjonali jew ieħor). F'dawn il-każijiet, jista' jkun meħtieġ li jintlaħaq bilanċ bejn id-

drittijiet tal-protezzjoni tad-dejta, il-protezzjoni tas-segretezza u l-interess pubbliku fl-aċċess għal tali informazzjoni.

EŻEMPJU: Id-dejta personali ta' familja jew tal-membri tal-familja ta' suġġett fis-settur pubbliku, bħal ismijiet, dettalji ta' kuntatt, indirizzi, eċċ. tista' tinġabar mill-istituzzjonijiet kompetenti sabiex iwettqu d-doveri tagħhom f'dan il-qasam; madankollu, il-pubblikazzjoni onlajn tal-informazzjoni sħiħa tista' ma tkunx proporzjonata, għalkemm kull każ għandu jiġi vvalutat fuq il-merti tiegħu.

- *L-operazzjonijiet ta' pproċessar fir-rigward ta' gruppi differenti ta' persuni kkonċernati*

Għandu jittieħed approċċ selettiv għall-ipproċessar tad-dejta personali, li jiddistingwi bejn gruppi differenti ta' nies, każijiet u skopijiet u li jieħu f'kunsiderazzjoni sitwazzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-kontenut tad-dettalji personali li qegħdin jiġu ppubblikati. Għandhom jintużaw metodi differenti li jagħmlu l-informazzjoni disponibbli, skont kif xieraq.

Meta jiġi evalwat jekk l-ipproċessar għandux jinkludi d-disseminazzjoni pubblika ta' dejta personali permezz tal-pubblikazzjoni onlajn, is-sitwazzjonijiet differenti għandhom jiġu ttrattati b'modi differenti. L-istituzzjonijiet kompetenti jistgħu juru x-xewqa li jikkunsidraw kemm l-istituzzjoni pubblika jew is-suġġett fis-settur pubbliku kkonċernati huma esposti għar-riskju ta' korruzzjoni jew għal sitwazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess; il-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjonijiet jew tal-kompiti tagħhom li jridu jitwettqu fl-interess pubbliku u l-ammont ta' fondi pubbliċi li jiġġestixxu l-individwi. B'mod ġenerali, jista' jkun xieraq li ssir distinzjoni skont ir-responsabbiltajiet tal-ġerarkija u tat-teħid tad-deċiżjonijiet bejn il-politiċi, is-suġġetti f'pożizzjonijiet għolja fis-settur pubbliku jew figuri pubbliċi oħrajn li għandhom pożizzjonijiet li jinvolvu responsabbiltajiet politiċi; individwi f'"pożizzjoni komuni ta' tmexxija fis-settur pubbliku" li ma għandhomx karigi elettivi iżda jwettqu biss pożizzjonijiet eżekuttivi ta' tmexxija u "suġġetti komuni fis-settur pubbliku" li ma għandhom ebda responsabbiltà personali ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

F'dan ir-rigward, filwaqt li għall-ewwel grupp id-disseminazzjoni onlajn ta' dejta personali fuq is-sit elettroniku tal-istituzzjoni kompetenti kkonċernata tista' titqies bħala proporzjonata, l-istess soluzzjoni tista' ma tkunx applikabbli għat-tieni jew għat-tielet grupp. Għat-tieni grupp, l-isem u l-pożizzjoni jistgħu jkunu disponibbli għall-pubbliku, filwaqt li ma hija ser tiġi ppubblikata ebda dejta personali dwar l-aġenti b'mod awtomatiku (anki jekk fir-rigward biss ta' dejta personali dwar l-azzjonijiet meħuda fil-kapaċità tagħhom bħala suġġetti fis-settur pubbliku jew dwar l-attivitajiet professjonali tagħhom[18]). Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-disponibbiltà ta' dik id-dejta skont ir-regoli nazzjonali dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti.

[18] F'dan ir-rigward, fil-kawżi konġunti C-465/00 u C-138/01 ta' Rundfunk, il-QtĠ-UE tiġbed l-attenzjoni għall-ġurisprudenza tal-KEDB dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-espressjoni '*ħajja privata*' li tirreferi għall-fatt li hija *"għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv*' u li *'ma hemm ebda raġuni ta' prinċipju li tiġġustifika l-esklużjoni tal-attivitajiet ta' natura ... professjonali mill-kunċett ta' 'ħajja privata*"'. Ara l-paragrafu 79 tad-deċiżjoni tal-Qorti.

Huwa rrakkomandat li ssir distinzjoni bejn il-gruppi differenti ta' suġġetti fis-settur pubbliku, impjegati taċ-ċivil u individwi oħrajn skont din il-leġiżlazzjoni speċifika, skont il-kriterji msemmija fuq, kif ukoll li jiġu ddeterminati l-livelli differenti ta' obbligi ta' rappurtar lill-istituzzjonijiet kompetenti, abbażi ta' tali distinzjonijiet. Il-leġiżlatur għandu jżomm f'moħħu din id-distinzjoni, speċjalment b'rabta ma' kwalunkwe obbligi ta' pubblikazzjoni onlajn.

Dan l-approċċ jiffaċilita l-għoti ta' kwantitajiet u tipi differenti ta' dejta personali skont il-grupp ta' individwi u, għalhekk, jgħin sabiex jiġi żgurat l-issodisfar tar-rekwiżiti tal-proporzjonalità, li permezz tagħhom l-ipproċessar ta' dejta personali għandu jkopri biss il-minimu neċessarju sabiex jintlaħaq l-iskop leġittimu (l-identifikazzjoni u s-sanzjonar ta' kunflitti ta' interess).

EŻEMPJU: Il-pubblikazzjoni ta' dejta personali dwar id-dikjarazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess tas-suġġetti fis-settur pubbliku li jeżerċitaw kompiti li jinvolvu biss responsabbiltà amministrattiva kienet meqjusa bħala sproporzjonata, f'xi każijiet, għaliex tqies li dawn ma għandhomx karigi ministerjali jew elettivi. Għall-kuntrarju, id-depożitar ta' dawn id-dokumenti għand l-awtoritajiet ta' kontroll kompetenti tqies bħala ġġustifikat għall-finijiet tat-tisħiħ tal-integrità u tal-imparzjalità ta' dawk il-persuni u għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u s-sanzjonar tas-sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess[19].

3.2.2 IL-PRINĊIPJU TA' MINIMIZZAZZJONI

F'dak li għandu x'jaqsam mal-prinċipju ta' minimizzazzjoni, għandha ssir valutazzjoni stretta tan-neċessità u tal-proporzjonalità tad-dejta pproċessata (l-Artikolu 6 tad-Direttiva 95/46/KE u fid-dispożizzjonijiet tal-GDPR). L-ammont u t-tip ta' dejta personali pproċessata għandhom jiġu ddeterminati b'mod ċar. Meta jkun meħtieġ li d-dejta personali tiġi pproċessata, din id-dejta għandha tkun adegwata, rilevanti u mhux eċċessiva għall-iskopijiet speċifikati, skont il-liġi, u kull informazzjoni li mhijiex meħtieġa sabiex jintlaħqu dawn l-iskopijiet ma għandha tiġi pproċessata b'ebda mod. L-ipproċessar tad-dejta personali meta jiġu implimentati l-miżuri ta' trasparenza u kunflitt ta' interess għandu jkun iffokat fuq u rilevanti għall-iskop leġittimu sabiex jiġi evitat l-ipproċessar tad-dejta bla bżonn. Dan, min-naħa tiegħu, x'aktarx li jagħmel l-ipproċessar aktar effettiv u effiċjenti.

Il-pubblikazzjoni onlajn mhux bilfors dejjem tkun meħtieġa sabiex jintlaħaq l-iskop tal-ipproċessar; f'xi każijiet, l-għoti ta' informazzjoni ġenerali bażika dwar qasam partikolari tal-gvern jew ir-rappurtar tad-dettalji tad-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tas-settur pubbliku fil-forma ta' indikaturi tal-prestazzjoni jistgħu jkunu biżżejjed. Tista' tiġi ppreżentata dejta approfondita u aktar komprensiva lill-awtoritajiet ta' sorveljanza kompetenti, li tippermetti, jekk ikun meħtieġ, il-pubblikazzjoni onlajn jew id-disponibbiltà pubblika ta' dik id-dejta skont ir-regoli nazzjonali dwar l-aċċess għad-dokumenti pubbliċi.

EŻEMPJU: Meta jkun meħtieġ li tinġabar u tiġi ppubblikata informazzjoni dwar l-assi tal-individwi b'rabta mas-suġġett fis-settur pubbliku (bħas-sieħeb/sieħba, it-tfal u membri oħrajn tal-familja jew li jgħixu fid-dar) onlajn, għandha tingħata kunsiderazzjoni lill-prinċipju ta' minimizzazzjoni dwar jekk l-assi tal-membru tal-familja għandhomx jiġu ppubblikati b'mod diżaggregat jew jekk għandhomx ikunu limitati għall-ammont totali tal-valur tagħhom. Għandu jiġi kkunsidrat ukoll il-grad ta' kemm hija meħtieġa l-pubblikazzjoni tal-identitajiet tal-membri kollha tal-familja jew li jgħixu fid-dar sabiex jintlaħaq l-għan segwit.

[19] Ara Conseil constitutionnel de la République Française, Décision n ° 2013-675 DC tal-10.09.2013 dwar il-"Loi organique relative à la transparence de la vie publique" (Projet de loi the adopté 17 septembre 2013 - TA Nru. 209)

EŻEMPJU: Xi regoli nazzjonali dwar it-trasparenza jipprevedu l-pubblikazzjoni onlajn ta' informazzjoni dwar l-ammont ta' dħul u rimunerazzjonijiet individwali riċevuti minn persuni li jeżerċitaw kompiti amministrattivi ta' livell għoli (pereżempju, id-detenturi ta' pożizzjonijiet amministrattivi għolja). Ġeneralment, sabiex tintlaħaq konformità ma' obbligi bħal dawn, skont il-prinċipju ta' minimizzazzjoni, jista' jkun biżżejjed li jiġi ppubblikat l-ammont totali ta' flus riċevuti mill-individwi kkonċernati. Madankollu, mhuwiex probabbli li jkun proporzjonat li tiġi ppubblikata dejta, bħan-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa, rapporti finanzjarji sħaħ, dejta dettaljata estratta mid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa jew mid-dikjarazzjonijiet tal-pagi ta' individwi, dettalji bankarji jew indirizzi tad-dar, numri tat-telefown personali jew emails personali.

EŻEMPJU: Meta tkun ser tiġi ppubblikata onlajn, id-dejta finanzjarja tal-individwi (jiġifieri djun, self, eċċ.), huwa rakkomandabbli, skont il-prinċipju ta' minimizzazzjoni - li tiġi ppubblikata biss l-informazzjoni meħtieġa u/jew bażika, fid-dawl tal-vulnerabbiltà ta' din id-dejta u r-riskji potenzjali li jirriżultaw minn tali pubblikazzjoni onlajn. Għalhekk, huwa rrakkomandat li l-liġi tistipula d-dettalji tal-pubblikazzjoni meta sseħħ il-pubblikazzjoni onlajn tad-dejta finanzjarja sabiex jiġu evitati l-abbużi possibbli jew il-pubblikazzjoni onlajn eċċessiva ta' din id-dejta, li tista' tmur 'lil hinn mill-iskopijiet raġonevoli u/jew leġittimi, waqt li fl-istess ħin jiġi kkunsidrat ukoll l-interess pubbliku.

❖ Tip ta' Dejta

Meta d-dejta personali tiġi pproċessata bħala parti mill-miżuri ta' kunflitt ta' interess fis-settur pubbliku, wieħed mill-iskopijiet ser ikun li jiġi stabbilit li l-bidliet fis-sitwazzjoni finanzjarja tas-suġġetti fis-settur pubbliku jkunu leġittimi. B'mod ġenerali, kull dejta miġbura u/jew ippubblikata għandha tkun funzjonali; pereżempju, sabiex jiġi żvelat jekk tali individwi kisbux xi assi b'mod illegali, kisrux xi miżura ta' kunflitt ta' interess jew wettqux xi att illeċitu jew diżonorabbli. Mhuwiex xieraq li tinġabar u tiġi pproċessata aktar dejta personali li ma tkunx utli għall-evalwazzjoni ta' ksur bħal dan u/jew għall-identifikazzjoni ta' kwalunkwe mġiba ħażina possibbli. Huwa rrakkomandat li jitfasslu oqfsa legali u prattiċi li jiffokaw fuq l-ilħuq tal-ġestjoni leġittima tal-kunflitti ta' interess u tat-trasparenza assoċjata, sabiex jiġi evitat kull ipproċessar bla bżonn, illeġittimu u inġust tad-dejta personali.

EŻEMPJU: Ir-relazzjonijiet kummerċjali konklużi matul il-perjodu f'kariga pubblika jistgħu jindikaw imġiba illeċita u jistgħu jkunu soġġetti għal analiżi aktar fil-fond mill-istituzzjonijiet kompetenti. B'hekk, l-informazzjoni tista' tiġi pproċessata jekk tkun rilevanti għall-verifika ta' jekk is-suġġett fis-settur pubbliku kisibx gwadann finanzjarju jew xi gwadann mhux xieraq ieħor direttament jew indirettament (permezz ta' qarib jew sieħeb).

### 3.3 L-IPPROĊESSAR TA' KATEGORIJI SPEĊJALI TA' DEJTA PERSONALI (DEJTA SENSITTIVA)

L-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46/KE jidentifika d-dejta personali li tiżvela oriġini etnika jew razzjali, opinjonijiet politiċi, twemmin filosofiku jew reliġjuż, sħubija fi trejdunjin u dejta li tikkonċerna s-saħħa jew il-ħajja sesswali bħala kategoriji speċjali. Il-GDPR iwessa' l-

kategoriji speċjali ta' dejta personali sabiex din tkun tinkludi wkoll id-dejta ġenerika, id-dejta bijometrika għall-identifikazzjoni b'mod uniku ta' persuna u d-dejta dwar l-orjentazzjoni sesswali. Kemm id-Direttiva 95/46/KE kif ukoll il-GDPR jiddeterminaw il-projbizzjoni tal-ipproċessar ta' tali dejta bħala regola ġenerali, li tispeċifika diversi eċċezzjonijiet meta tali dejta tista' tiġi pproċessata.

Barra minn hekk, l-Artikolu 8(5) tad-Direttiva 95/46/KE jistipula li l-ipproċessar ta' dejta relatata ma' reati, kundanni kriminali jew miżuri ta' sigurtà jista' jitwettaq biss taħt il-kontroll ta' awtorità uffiċjali, jew jekk jiġu pprovduti salvagwardji speċifiċi skont il-liġi nazzjonali, soġġetti għal derogi li jistgħu jingħataw mill-Istat Membru skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jipprovdu salvagwardji speċifiċi xierqa. Ġiet inkluża dispożizzjoni simili fil-GDPR.

B'kunsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fuq, id-divulgazzjoni proattiva ta' tali dejta għandha tkun eċċezzjonali, sostnuta minn bażi ġuridika speċifika u dejjem tieħu f'kunsiderazzjoni l-bilanċ xieraq bejn il-protezzjoni tal-privatezza u l-interess pubbliku leġittimu.

| |
|---|
| EŻEMPJU: Jekk tkun meħtieġa fil-proċess tal-kandidatura, jista' jkun aċċettabbli li tiġi ppubblikata informazzjoni b'rabta mal-individwi eletti li jirrappreżentaw lill-partiti politiċi li jiżvelaw ir-rabtiet tagħhom ma' xi gruppi politiċi jew trejdunjonistiċi. |

### 3.4 IL-PERJODI TA' ŻAMMA

Il-perjodu għaż-żamma tad-dejta personali f'forma li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-dejta għandu jiġi ddeterminat skont l-iskopijiet leġittimi li għalihom tinżamm. Id-dejta għandha tiġi pproċessata biss għall-perjodu neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-iskopijiet leġittimi rilevanti. L-ipproċessar fi ħdan l-istituzzjonijiet kompetenti għandu jiġi kkunsidrat separatament mill-iskop tal-pubblikazzjoni ta' dejta personali. Huwa preferibbli li l-perjodi ta' żamma jiġu ddikjarati b'mod ċar u jkunu jinkludu wkoll dispożizzjonijiet dwar id-disponibbiltà onlajn.

Jistgħu jiġu definiti passi differenti: perjodu għall-ipproċessar tad-dejta għall-iskop prinċipali, perjodu għall-pubblikazzjoni tad-dejta u perjodu għal kwalunkwe arkivjar. Jistgħu japplikaw perjodi differenti għal dejta jew settijiet ta' dejta differenti.

### 3.5 IL-PREĊIŻJONI TAD-DEJTA

Id-dejta personali għandha tkun preċiża u, fejn meħtieġ, tinżamm aġġornata. Skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 95/46/KE, għandu jittieħed kull pass raġonevoli sabiex jiġi żgurat li d-dejta tinżamm preċiża u aġġornata, b'kont meħud tal-iskopijiet li għalihom inġabret jew li għalihom kienet ipproċessata aktar. Barra minn hekk, fid-dawl tal-GDPR, is-suġġett fis-settur pubbliku ser ikollu d-dritt li jikseb mingħand l-istituzzjonijiet kompetenti, mingħajr dewmien bla bżonn, ir-rettifika tad-dejta personali tiegħu li ma tkunx preċiża jew aġġornata. Minbarra dan, l-Artikolu 16 tal-GDPR jgħid li, skont l-iskopijiet li għalihom ġiet ipproċessata d-dejta, is-suġġett tad-dejta ser ikollu d-dritt li jikseb l-ikkompletar tad-dejta personali inkompleta, inkluż permezz tal-għoti ta' stqarrija supplimentari.

Meta l-liġi titlob li ċerta dejta tiġi ppubblikata onlajn, huwa rakkomandabbli li, fid-dawl tal-prinċipju tal-preċiżjoni, l-istituzzjonijiet kompetenti joħolqu formola/i / dikjarazzjoni(jiet) ċara/i jew unika/uniċi li jkun fiha/fihom biss id-dejta rilevanti.

Huwa rrakkomandat ukoll li l-istituzzjonijiet kompetenti jimplimentaw proċeduri adegwati sabiex iżommu d-dejta personali miġbura preċiża u aġġornata skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 95/46/KE u fid-dawl tal-GDPR. Hija prattika tajba li tiġi indikata d-data tal-pubblikazzjoni, jew tal-aħħar aġġornament, fuq kwalunkwe sett ta' dejta ppubblikat.

### 3.6 LIMITAZZJONI TAL-ISKOP

Id-dejta miġbura tista' tiġi pproċessata biss fil-qafas tal-iskopijiet speċifikati u għal skopijiet kompatibbli oħrajn. L-Artikolu 6(1)(b) tad-Direttiva 95/46/KE jistipula li d-dejta personali għandha tinġabar għal skopijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi u ma tiġix ipproċessata aktar b'mod li jkun inkompatibbli ma' dawk l-iskopijiet.

Minbarra dan, fid-dawl tal-GDPR, dispożizzjoni simili tgħid li d-dejta personali għandha tinġabar għal skopijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi u ma tiġix ipproċessata aktar b'mod inkompatibbli ma' dawk l-iskopijiet; l-ipproċessar ulterjuri tad-dejta personali għal skopijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku, għal skopijiet ta' riċerka storika u xjentifika, jew għal skopijiet ta' statistika ma għandux jitqies bħala inkompatibbli mal-iskopijiet inizjali.

Ta' min jinnota li f'xi Stati Membri tal-UE, ċerti kontrolluri tad-dejta żiedu informazzjoni speċifika biex jispjegaw il-limiti tal-użu mill-ġdid tad-dejta ppubblikata. Tabilħaqq, kif enfasizza l-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 fl-Opinjoni 06/2013 dwar id-dejta miftuħa u l-użu mill-ġdid, l-utenti mill-ġdid potenzjali jkollhom jikkonformaw mal-liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta, bħala kontrolluri tad-dejta, meta jkunu qegħdin jittrattaw dejta personali, sakemm l-attivitajiet tal-ipproċessar tagħhom ma jkunux jaqgħu fl-eżenzjoni tal-familja skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 95/46/KE.

Meta wieħed jiġi biex jiddeċiedi jekk id-dejta personali għandhiex tkun globalment aċċessibbli permezz ta' magni ta' tfittxija esterni, huwa xieraq li jżomm f'moħħu l-iskop li jagħmel l-informazzjoni disponibbli b'mod wiesa'. Jekk ikun hemm interess pubbliku globali sabiex tali dejta ssir disponibbli, speċjalment bil-ħsieb tal-kategorija ta' suġġetti tad-dejta, allura tali disseminazzjoni x'aktarx tkun iġġustifikata. Dan bil-kundizzjoni li jkun ittieħed f'kunsiderazzjoni kull impatt potenzjali fuq id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-dejta. Madankollu, jekk ma jkun hemm ebda interess pubbliku globali jew tali disseminazzjoni wiesgħa titqies bħala mhux xierqa, jista' jkun preferibbli li d-dejta ssir disponibbli permezz ta' magni ta' tfittxija interni[20] jew permezz ta' mekkaniżmi ta' aċċess selettivi oħrajn (pereżempju b'login jew captcha).

[20] Għal dak il-għan, ir-regoli ta' aċċess speċifiċi jistgħu jiġu kkodifikati fi ħdan kull fajl ta' test (pereżempju, permezz ta' noindex/noarchive metatags u l-fajl robots.txt, li jridu jiġu kkonfigurati skont il-Protokoll tal-Esklużjoni tar-Robots). Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-użu ta' kwalunkwe għodda li tista' tiffaċilita l-irkupru tal-informazzjoni u d-dokumenti li jridu jiġu disseminati fuq is-sit elettroniku uffiċjali ta' korp pubbliku.

Huwa rrakkomandat li l-użu mill-ġdid tad-dejta jiġi definit esplicitament bħala permess jew ipprojbit, u mbagħad għandhom jiġu ddikjarati l-kundizzjonijiet eventwali għall-użu mill-ġdid[21].

## 4. MIŻURI TA' SIGURTÀ

L-istituzzjonijiet kompetenti, bħala kontrolluri tad-dejta, għandhom jieħdu miżuri teknici u organizzazzjonali xierqa sabiex jipproteġu d-dejta personali, jevitaw kwalunkwe telf jew qerda aċċidentali, tibdil jew divulgazzjoni jew aċċess mhux awtorizzati u kull forma illegali oħra ta' pproċessar. Il-miżuri ta' protezzjoni għandhom ikunu adegwati għan-natura tal-attivitajiet ta' pproċessar tal-istituzzjonijiet kompetenti.

Għal dak il-għan, għandhom jiġu implimentati miżuri xierqa sabiex jitnaqqas ir-riskju li l-informazzjoni u d-dokumenti disponibbli fuq l-internet ikunu jistgħu jitħassru, jiġu emendati, jitbiddlu u/jew jittieħdu barra mill-kuntest tagħhom - pereżempju, jistgħu jiġu speċifikati sorsi affidabbli minn fejn jistgħu jiġu rkuprati d-dokumenti msemmija; jistgħu jintużaw firem elettroniċi sabiex jiżguraw l-awtentiċità u l-integrità tad-dokumenti; tista' tiddaħħal "dejta tal-kuntest" f'fajls li jitpoġġew fuq siti elettroniċi uffiċjali, bħal informazzjoni ta' "versioning", l-iskadenza, il-korp amministrattiv responsabbli).

## 5. ID-DRITTIJIET TAS-SUĠĠETTI TAD-DEJTA

Sabiex jiġi żgurat ipproċessar ġust, il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 jirrakkomanda li l-istituzzjonijiet kompetenti jgħarrfu lil kwalunkwe utent mill-ġdid dwar l-obbligi tagħhom relatati mad-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta u kif għandhom jikkonformaw.

Qabel jiġbru kwalunkwe dejta personali, l-istituzzjonijiet kompetenti għandhom jgħarrfu b'dan lis-suġġett fis-settur pubbliku, li d-dejta personali tiegħu tkun qed tinġabar skont l-Artikoli 10 u 11 tad-Direttiva 95/46/KE. Id-dritt li tkun infurmat jista' jirriżulta mil-liġi rilevanti li tistipula liema dejta personali għandha ssir pubblika u, għalhekk, tista' tiġi ppubblikata mingħajr il-ħtieġa ta' kunsens minn qabel tas-suġġett fis-settur pubbliku.

Barra minn hekk, is-suġġett tad-dejta għandu jkun jista' jikseb l-informazzjoni li ġejja mingħand l-istituzzjonijiet kompetenti, sakemm ma tapplikax xi eċċezzjoni fid-Direttiva 95/46/KE:

- konferma dwar jekk id-dejta relatata miegħu hijiex qed tiġi pproċessata jew le u informazzjoni mill-inqas rigward l-iskopijiet tal-ipproċessar, il-kategoriji tad-dejta kkonċernati u l-benefiċjarji jew il-kategoriji ta' benefiċjarji li lilhom tiġi żvelata d-dejta,

- il-komunikazzjoni lilu, f'forma intelliġibbli, tad-dejta li tkun qed tiġi pproċessata u ta' kull informazzjoni disponibbli dwar is-sors ta' dik id-dejta,

- għarfien tal-loġika involuta f'kull ipproċessar awtomatiku tad-dejta dwaru, għallinqas fil-każ tad-deċiżjonijiet awtomatizzati.

[21] Ara l-Opinjoni WP207 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29

Skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 95/46/KE, f'xi każijiet, is-suġġett tad-dejta[22] għandu d-dritt li joġġezzjona f'kull ħin għall-ipproċessar. Huwa rrakkomandat li l-kontrollur jgħarraf lill-utenti mill-ġdid kollha ta' tali dejta dwar oġġezzjoni[23].

Dan id-dritt għal oġġezzjoni jista' jitneħħa jew jiġi limitat bil-liġi skont l-iskop. Pereżempju, is-suġġetti tad-dejta jistgħu jitħallew joġġezzjonaw għall-pubblikazzjoni onlajn ta' parti mid-dejta jew tad-dejta kollha li tikkonċerna lilhom abbażi ta' raġunijiet leġittimi konvinċenti b'rabta mas-sitwazzjoni partikolari tagħhom, iżda mhux mal-operazzjonijiet ta' pproċessar intern tagħhom (differenti mid-disseminazzjoni tad-dejta dwarhom).

Minbarra dan, kull suġġett tad-dejta għandu jkun jista' jikseb mill-istituzzjonijiet kompetenti r-rettifika, it-tħassir jew l-imblokkar tad-dejta, li l-ipproċessar tagħha mhuwiex konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE. Barra minn hekk, il-partijiet terzi li lilhom tkun ġiet żvelata d-dejta għandhom jiġu nnotifikati b'tali rettifika, tħassir jew imblokkar, sakemm ma jintweriex li dan huwa impossibbli jew jinvolvi sforz sproporzjonat.

Skont il-GDPR, is-suġġett tad-dejta ser ikollu dritt għal rettifika, tħassir u restrizzjoni, kif ukoll dritt li jressaq ilment ma' Awtorità għall-Protezzjoni tad-Dejta.

[22] F'dak ir-rigward, għandu jissemma' li l-Artikolu 14 tad-Direttiva jistabbilixxi li s-suġġett tad-dejta jista' jeżerċita d-dritt li joġġezzjona, mill-inqas, fost l-oħrajn, fil-każ tar-raġuni msemmija fil-paragrafu 7 (e) tad-Direttiva. Dan ifisser li meta l-ipproċessar ikun permess wara valutazzjoni raġonevoli u oġġettiva tad-drittijiet u l-interessi differenti involuti, is-suġġett tad-dejta xorta jkollu possibbiltà addizzjonali li joġġezzjona għal raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni partikolari tiegħu. Ara l-Opinjoni Nru. 06/2014 imsemmija qabel tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, it-Taqsima III, il-par. 3.6.

[23] Fi Franza, dan huwa obbligu ddikjarat fl-Artikolu 97 tad-décret tal-liġi nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-dejta.